**MINUTI**

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ix-Xagħra

It-Tmien Leġislatura

**Laqgħa Numru Tmienja u Sittin (68)**

**5 ta' Mejju 2023**

Il-Kunsill Lokali Ix-Xagħra ltaqa' fis-2.00 ta' wara nofsinhar fl-uffiċċju amministrattiv.

**PREŻENTI:**

Aaron Agius – Viċi Sindku
Stefan Bajada – Kunsillier
Victor John Curmi – Kunsillier
Anthony Attard - Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

*n/a*

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Ivan Attard – Segretarju Eżekuttiv

# Minuti

Il-Vici Sindku Aaron Agius ippresieda l-laqgħa.

**68.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija**

68.1.1 Ma ġewx ippreżentati ittri ta' apoloġija mill-Kunsilliera għal din il-laqgħa.

**68.2 Hatra ta' Sindku u Vici Sindku**

68.2.1 Is-Segretarju Ezekuttiv Ivan Attard informa lill-Kunsill li, wara l-izviluppi li sehhew il-gimgha li ghaddiet bir-rizenja tas-Sindku precedenti Dr. Christian Zammit nhar il-Hamis 27 ta' April 2023, il-Kunsill irid jahtar Sindku u Vici Sindku gdid.

68.2.2 Is-Segretarju Ezekuttiv innota li skont l-Att dwar il-Gvern Lokali, f'cirkustanza bhal din, ghandu jigi mahtur Sindku dik il-persuna li tkun gabet it-tieni l-akbar ammont ta' voti fl-ewwel ghadd minn dak il-partit politiku li jkun gab il-maggoranza tas-siggijiet fl-ahhar elezzjoni tal-Kunsill. Fil-kaz taghna, din il-persuna huwa s-Sur Aaron Agius.

68.2.3 Is-Segretarju Ezekuttiv staqsa lis-Sur Agius jekk jaccettax il-kariga ta' Sindku u dan accetta u iffirma l-ittra ta' accettazzjoni.

68.2.4 Peress li b'din l-accettazzjoni l-kariga ta' Vici Sindku giet vakanti, is-Segretarju Ezekuttiv Ivan Attard innota li skont l-Att dwar il-Gvern Lokali, f'cirkustanza bhal din, ghandu jigi mahtur Vici Sindku dik il-persuna li tkun gabet it-tielet l-akbar ammont ta' voti fl-ewwel ghadd minn dak il-partit politiku li jkun gab il-maggoranza tas-siggijiet fl-ahhar elezzjoni tal-Kunsill. Fil-kaz taghna, din il-persuna huwa s-Sur Stefan Bajada.

68.2.5 Is-Segretarju Ezekuttiv staqsa lis-Sur Bajada jekk jaccettax il-kariga ta' Sindku u dan accetta u iffirma l-ittra ta' accettazzjoni. Is-Segretarju innota li c-cerimonja tal-gurament ser issir illum stess fis-2.30pm fil-prezenza tal-

President tar-Regjun Ghawdex, Dr. Samuel Azzopardi, u l-Kummissarju tal-Gustizzja Dr. Mario Scerri.

68.2.6 Fuq proposta tal-Kunsillier Victor Curmi, il-Kunsilliera prezenti qablu li ghandna nibaghtu ittra formali ta' ringrazzjament lis-Sindku precedenti Dr. Christian Zammit ghas-servizz li ta fil-Kunsill Lokali tax-Xaghra, kemm bhala Kunsillier mill-2007 sal-2023 u anke bhala Sindku tax-Xaghra ghal dawn l-ahhar erba' snin. Il-Kunsilliera qablu li ghandna naghtuh ukoll tifkira tal-okkazjoni f'data li tigi deciza aktar 'il quddiem.

68.2.7 Il-*minority leader,* il-Kunsillier Anthony Attard, irringrazzja lis-Sindku precendenti u awgura lis-Sindku l-gdid u lill-Vici Sindku l-gdid aktar hidma fejjieda u wieghed ko-operazzjoni u kollaborazzjoni b'rizq ir-rahal tax-Xaghra.

68.2.8 Is-Segretarju Ezekuttiv Ivan Attard innota li nhar it-Tlieta 9 ta' Mejju 2023 fid-9.00am ser issir l-elezzjoni kazwali biex jimtela' l-post vakanti ta' Kunsillier ghal din il-legislatura li tintemm fit-30 ta' Gunju 2024. Is-Segretarju qal li galadarba l-Kunsill ikun kostruwit skont il-Ligi, jittiehed ritratt tal-okkazjoni.

68.2.9 Il-laqgha tal-Kunsill intemmet fis-2.15pm u giet aggornata ghal nhar it-Tlieta 23 ta' Mejju 2023 fil-5.00pm fl-ufficcju amministrattiv tal-Kunsill li issa ser jibda jopera b'mod temporanju minn Triq it-Tigrija.

**Aaron Agius**
**Sindku**

**Ivan Attard**
**Segretarju Eżekuttiv**